**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 16 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1184/01 AJD*

Carmelo Galea

vs

Anvin Monsigneur

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta’ Ottubru, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ sebghin lira Maltin (Lm70.00) rapprezentanti valur ta’ zewg invoices datati 27 ta’ Settembru u 23 ta’ Ottubru tas-sena 2000, in konnessjoni ma’ bejgh ta’ merkanzija debitament konsenjata lill-konvenut (Dok. A).
Bl-ispejjes, u bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-konsenja sal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lilu. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sebghin lira Maltin (Lm70.00) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR